MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 30/2003

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Anna Camilleri**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Jintalab illi il-konvenut jigi ikkundannat ihallas l-ammont ta’ hames mija u tmien liri maltin u tnejn u tmenin centezmu (LM508.82) liema somma tirrapprezenta bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 12997 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn Frar u Awissu 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ Frar 2003, dawk tal-mandat ta’ sekwestruipprezentat

kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni."

Ra li l-konvenuta debitament notifikata bil-mezz tal-publikazzjoni ma dehritx fis-seduta tal-15 t'Ottubru 2003 minkejja li dakinhar kien ghadda t-terminu tar-risposta;

Sema' l-provi mressqa mis-socjeta' attrici.

U billi t-talba taghha tirrizulta sodisfacentement ippruvata;

Tilqa' l-istess talba billi tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM508.82 bilanc ta' prezz minnha dovuti ghal servizzi resi mis-socjeta' attrici u dan fix-xhur bejn Frar 2002 u Awwissu 2002 bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali pprezentata fi Frar 2003, tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz tat-talba u bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------